**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 24 ta` Ottubru 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Assistent Kummissarju gia Spettur Ian Abdilla)**

**Vs**

**CONCETTA CHARLES**

**KUMP NRU 93/2003**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata**, CONCETTA CHARLES** detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru **811758M**, giet akkuzata talli fil-21 ta' Gunju 2001 u fis-26 ta' Dicembru 2001 u fil-granet ta' qabel u ta' wara, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghek, approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm5,500.00, ghad-detriment ta' Cedric u Geraldine Cuschieri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan bi ksur tal-Artikolu 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f’Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali tat-23 ta` Mejju 2003 (*a folio* 81) billi l-Avukat Generali deherlu li setghet tinstab il-htija taht l-Artikoli 18, 293, 294, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat li l-imputata tat il-kunsens taghha sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja (ara verbal tal-udjenza tal-25/05/2005 *a folio* 133);

Qieset l-atti processwali;

Qieset il-verzjoni tant estensiva li l-imputata tat quddiem il-Qorti;

## Ikkunsidrat;

#### Osservazzjonijiet Preliminari

A. Jehtieg li ssir parentezi zghira u generali dwar id-dewmien li ha dan il-process. Diversi fatturi kkontribwew ghal dan il-fatt, fosthom izda mhux biss, il-fatt li fit-12 ta` Lulju 2004, l-atti ta` din il-kawza, jew parti minnhom, flimkien ma hafna ohrajn, kienu gew distrutti minhabba nirien li hakmu l-awla fejn kienu qed jinzammu u naturalment, ir-rikostruzzjoni tal-process jiehu z-zmien. Fatt iehor mhux ta` ftit importanza hu li l-kawza kienet ilha skedata ghall-provi tad-difiza propju mis-seduta tal-5 ta` Lulju 2005;

B. Mhux li stil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process peress illi, kif inhu f’dan il-kaz, minkejja l-htiega tar-rikostruzzjoni tal-process, dak kollu li rrizulta, jinsab dettaljatament ikkompilat fl-atti ta` dan il-procediment.

**Ikkunsidrat**;

Illi rrizulta mill-provi illi permezz ta` ftehim (dokument ipprezentat fl-atti) datat 21 ta` Gunju 2001, l-imputata intrabtet li ggib tifel mill-Pakistan ghall-addozzjoni minn naha tal-konjugi Cedric u Geraldine Cuschieri, li minn naha taghhom intrabtu li jhallsu s-somma ta` LM5,500 – *such consideration covers all medical expenses and the maintenance of such child in the New United Christian Foundation's home in Pakistan as well as all legal, administrative, telephone and travelling expenses in Pakistan connected to the adoption … appearer (Concetta Charles) binds herself to pay all expenses relative to the infant being brought to malta, including domestic and international flights …. Appearer binds herself to return the consideration paid within two months …. Should she not deliver the child as agreed …..* – dan hu bazikament il-qofol ta` dan il-ftehim. Dan l-ammont thallas hekk – Lm500 dakinhar tal-21/06/2001 u l-bilanc ta` Lm5000 thallas nhar is-26 ta` Dicembru 2001 skond ricevuta ipprezentata fl-atti.

Irrizulta wkoll illi l-ammont imsemmi ta` Lm5,500 kienu ntbaghtu mill-imputata lejn il-Pakistan ghall-manutenzjoni u amministrazzjoni ta` l-istaff u l-New United Christian Foundation; apparti li kienet zammet xi ammont zghir biex tkopri xi telefonati li hija kienet taghmel minn Malta, l-imputata baghtet xi flus minn dan l-ammont moghti mill-konjugi Cuschieri, lil Ms. Joyce Charles, li tigi omm zewgha, u lil Dilawar Khan u Cynthia Sadia li lkoll huma koordinaturi tal-fondazzjoni. Irrizulta li Ms. Joyce Charles inkarigat avukat fil-Pakistan sabiex jghin lil binha Dennis Charles, li jigi r-ragel ta` l-imputata, u dan in konnessjoni ma problemi li huwa kellu ma l-awtoritajiet fil-Pakistan.

Irrizulta wkoll mill-provi illi l-imputata ma ottempratx ruhha ma` l-obbligi li assumiet fil-ftehim tal-21 ta` Gunju 2001. Irrizulta li t-tifel li suppost kellu jigi addottat mill-konjugi Cuschieri qatt ma gie Malta. L-imputata qatt ma rritornat il-flus li kienu inghataw lilha mill-konjugi Cuschieri.

**Ikkunsidrat**;

Illi f'dan il-procediment jirriżulta li hemm nuqqas ta' provi u dokumenti li jistgħu b'xi mod juru li din il-proċedura tal-adozzjoni kienet inbdiet jew almenu fejn kienet waslet. Ma hemm ebda dokument li juri fejn dawn il-Lm5,500 imħallsa mill-konjugi Cuschieri effettivament marru.

L-imputata xehdet fit-tul u tat l-impressjoni li dawn il-flejjes kienu ġew użati għall-iskop tal-adozzjoni tat-tifel li kellu jingieb Malta ghall-addozzjoni minn naha tal-konjugi Cuschieri, kif ukoll sabiex ikunu jistgħu jitħallsu l-ispejjeż tal-Fondazzjoni bl-isem "United Christian Foundation" fil-Pakistan.

L-imputata tixhed li l-intenzjonijiet tagħha kienu dejjem ġenwini u għall-ġid tat-tfal foqra tal-Pakistan. Hija tgħid li minn naħa tagħha kienet sfat il-vittma ta' qlajjiet u allegazzjonijiet fierħa li kienet involuta fi traffikar tat-tfal fost l-oħrajn. Qalet li dawn l-allegazzjonijiet bdew iseħħu f'Marzu tal-2003. Qalet ukoll li żewġha kien ġie arrestat u detenut fil-Pakistan bejn l-2002 u l-2008 minħabba f'hekk. Dan kollu wassal biex kellha taffronta diffikultajiet finanzjarji u emottivi kbar.

Hija tixhed li kienet hallset lura s-somma ta` Lm1,500 lill-koppja Cuschieri (ara *folio* 170). Dan il-fatt, anke jekk verament sehh, bl-ebda mod ma jinċidi fuq ir-responsabbilita' kriminali tal-imputata għar-reat tal-approprijazzjoni indebita.

Illi sa certu punt, il-Qorti tista tifhem li din il-kwistjoni bejn il-partijiet setgħet titqies li kienet waħda aktar ta' natura ċivili milli ta' natura kriminali. Il-kuntratt oriġinali kien kjarament jiġbor fih l-għanijiet komuni tal-partijiet u l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom huma kienu qegħdin jintrabtu biex jilħqu l-għanijiet komuni. Izda minn dan il-kuntratt jirriżulta ċar li l-flus li ħallsu l-koppja Cuschieri kellhom jiġu użati għal skop speċifiku. Il-flus imħalsin mill-koppja Cuschieri kellhom imorru speċifikament u esklussivament għall-proċedura tal-addozzjoni tat-tifel li riedu l-koppja Cuschieri u mhux għal raġunijiet oħra, anke jekk dawn ir-ragunijiet l-ohra kienu moralment tajba.

Dan qiegħed jingħad għaliex ir-reat in ezami kkontemplat fl-Artikolu 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi s-segwenti :

***293.*** *Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaga ta' ħaddieħor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu*

*taħt titolu illi jgib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaga jew li jsir uzu minnha spec ifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

**294.** *Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jigi magħmul fuq ħaga fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depozitu necessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

Illi fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs John Gauci*** nhar l-14 ta' Frar 1997, il-Qorti stqarret li l-elementi tar-reat in ezami huma s-segwenti : -

*Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma jkunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.*

Fil-fehma ta` din il-Qorti, huwa preċiżament dan li seħħ f'dan il-każ. Il-Prosekuzzjoni ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-konjuġi Cuschieri kienu ħallsu l-ammont ta' Lm5,500 biex l-imputata tagħmel ix-xogħol kollu meħtieġ sabiex iġġibilhom tifel mill-Pakistan biex ikunu jistgħu jaddottawh u għal ebda raġuni oħra.

Minkejja dan, l-imputata, *ex admissis*, użat almenu parti minn dawn il-flejjes billi kkonvertiet bi profitt, jekk mhux għaliha żgur għal xi persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor, f'dan il-każ il-flejjes imħallsin lilha mill-konjugi Cuschieri, liema flejjes kienu fdati w ikkunsinnati lilha bl-obbligu li jsir uzu minnhom specifikat fil-kuntratt. Dan l-imputata ma osservatux u konsegwentement hija giet passabbli ghar-reat ta` approppriazzjoni indebita.

**Kwantu ghall-piena jew sanzjoni, din il-Qorti hija konxja mis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim Awla (Onor. Imhallef Tonio Mallia) nhar it-28 ta` Frar 2003 (Citazzjoni numru 122/2003) fil-kawza fl-ismijiet "Cedric u Geraldine konjugi Cuschieri vs Concetta Charles".**

**Konkluzjoni.**

Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lil **Concetta Charles** ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u tikkundannaha komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` wiehed u ghoxrin (21) xahar izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba (4) snin mill-lum, il-hatja tikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Concetta Charles, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet taghha taht l-Artikolu 28B jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur